# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 20 ta' Lulju 2020**

**Numru 2**

**Rikors numru 96/13 LSO**

**Igino Trapani Galea, Dorothy Trapani Galea, il-Perit Nicholas Bianchi f'ismu personalment u f'isem il-kuġini assenti tiegħu Colin, Christopher u John aħwa Huber, Andre Bianchi, Anne Marie mart Dr Anton Tabone, Bettina mart Malcolm Azzopardi, Michael Trapani Galea Feriol, Greta mart Paul Apap Bologna, Paul Trapani Galea Feriol, u Dr Nicholas Trapani Galea Feriol**

**v.**

**Direttur għall-Akkomodazzjoni Soċjali u b'digriet tas-16 ta' Jannar 2014 l-atti ġew trasfużi f'isem l-Awtorita` tad-Djar, u Anthony Cauchi u b'digriet tas-16 ta' Jannar 2014 ġie kjamat fil-kawża l-Avukat Ġenerali illum Avukat tal-Istat**

**Il-Qorti:**

1. Din is-sentenza tittratta appell tal-Awtorita` tad-Djar minn sentenza li tat il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-16 tal-ulju 2019 u li biha ddeċidiet:

"*Illi għalhekk għal dawn il-motivi Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, taqta' u tiddeciedi, billi fil-waqt li tillibera lill-Avukat Generali mill-osservanza tal-gudizzju ghar-ragunijet spjegati fis-sentenza, tichad l-eccezzjonijiet rimanenti in kwantu inkompatibbli ma' din is-sentenza u kwindi tiddisponi mit- talbiet tar-rikorrenti billi:-*

"*1. Tilqa l-ewwel talba limitatament billi ssib li b'rizultat tal-agir tal-Awtorita` intimata gew lezi d-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti kif sanciti fl-Artikolu 1 Protokol 1 tal-Konvenzjoni Ewropea u fl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta filwaqt li tichad l-ewwel talba inkwantu ma ssibx li giet ippruvata li sehhet xi lezjoni tad-drittijiet sanciti bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u bl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;*

"*2. Tilqa' t-tieni talba billi filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talbiet enumerati 2(a) u (b) ghar-ragunijiet spjegati fis-sentenza;*

"*Tastjeni ukoll milli tillikwida danni pekunjarji izda tirriserva favur ir-rikorrenti kull jedd lilhom spettanti biex ifittxu rimedju ghall-kumpens pekunjarju quddiem il-Qrati ordinarji bi proceduri appoziti, abbazi wkoll tar-rapport esebit mill- Perit Tekniku Gowdin Abela u s-Surveryor Alan Micallef, liema rapport din il-Qorti taghmlu taghha. Inoltre tirriserva favur l-istess rikorrenti kull jedd li jitolbu kumpens ghat- telfien tal-valur lokatizju tal-fond - dan kollu ghar-ragunijiet spjegati fis-sentenza.*

"*3. Ghall fini tat-talba 2.c.ghal dak li jirrigwarda d-danni non-pekunjarji, tillikwida dawn id-danni fis-somma ta' hamest elef ewro (€5,000) pagabbli lil kull rikorrent, li ghandu jithallas mill-Awtorita` intimata flimkien mal-imghaxijiet legali li jibdew jiddekorru b'rata ta' tmienja fil-mija (8%) b'effett minn xahar millum sal-pagament effettiv.*

"*L-ispejjez jithallsu mill-Awtorita` intimata ghajr ghall- ispejjez tal-Avukat Generali li jigu sopportati mir- rikorrenti in solidum bejniethom*".

2. B'rikors preżentat fit-2 tal-Awtorita` appellat mis-sentenza bl-aggravju jkun dwar is-somma ta' ħamest elef euro (€5,000) danni mhux pekunjarji għal kull wieħed mill-atturi. B'kollox hemm tlettax-il attur, u għalhekk il-ħlas dovut skont is-sentenza appellata hu ta' ħamsa u sittin elf euro (€65,000).

3. L-aggravji tal-Awtorita` tad-Djar huma:

i. Fis-sentenza l-ewwel Qorti naqset milli tirriproduċi dak li qalet l-Awtorita` fit-tweġiba.

ii. L-ewwel Qorti żbaljat meta tat kumpens lill-atturi, u f'kull każ l-ammont eċċessiv. F'dan ir-rigward l-ilment prinċipali hu li meta l-ewwel Qorti llikwidat is-somma ta' €5,000 bħala danni non-pekunjarji għal kull wieħed mill-atturi, ma ħaditx in konsiderazzjoni s-sehem li kull wieħed minnhom għandhom fil-fond oġġett tal-kawża.

4. Fil-21 ta' Awissu 2019 l-atturi ppreżentaw tweġiba fejn taw ir-raġunijiet għalfejn il-Qorti għandha tiċħad l-appell. Argumentaw li kull individwu kien sofra ksur ta' dritt fundamentali u kull wieħed minnhom għandu jedd għal rimedju. Spjegaw:

> *"Illi għalhekk il-konsiderazzjonijiet li għandhom isiru fir-rigward ta' dawn id-danni m'għandhomx ikunu ibbażati fuq il-kobor tal-proprjeta`, jew billi nħarsu lejn il-proprjeta` bħala oġġett singulari u li allura wassal għal leżjoni singulari, (xi ħaġa li qed tittenta tagħmel l-appellanta), iżda fuq id-drittijiet fundamentali ta' kull rikorrent. Requisition order waħda li wasslet għal leżjoni ta' 13 l-individwu u mhux għal-leżjoni waħda. Kull rikorrent sofra mill-konsegwenzi tar-requistion order bl-istess mod, u għalhekk l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet ġusta meta ordnat il-likwidazzjoni tad-danni fis-somma ta' ħamest elef euro għal kull rikorrent. Kull individwu huwa vittma, u għalhekk kull individwu għandu jingħatalu r-rimedju.....*
>
> *"Illi stante li fil-każ odjern il-persuna (u iġifieri kull persuna) għandu jiġi reintegrat fid-dritt li jkun ġie vjolat, xi ħaġa li diffiċli sabiex issir fil-każ odjern. Għalhekk huwa fid-diskrezzjoni tal-Qorti illi tiddetermina il-kumpens xieraq għal kull rikorrent, rikorrent illi ġie mċaħħad mill-proprjeta` għal aktar minn tletin sena u saħanistra ingħata l-fond lura fi stat diżastruż. Konsiderazzjoni illi l-Awtorita` appellanti ma tikkunsidrax fl-appell tagħha.*
>
> *"Illi inoltre l-Qorti in Prim Istanza ma llikwidatx d-danni pekunjarji – la d-danni sostantivi li jaffettwaw l-istat diżastruż li tħalliet fiha l-proprjeta` u*

*lanqas id-danni tas-sofferenza forzata konsistent fit-telf ta' użu tal-proprjeta` għal għexieren ta' snin iżda dawn ġew riżervati għal ġudizzju ordinarju (dwar dan l-aspett ma sar ebda appell)...*

*"Illi apparti dan l-esponenti jħossu li l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet pjuttost konservattiva anke fil-kalkolu tal-quantum tad-danni non-pekunjarji ..........*".

## Fatti.

5. Il-kawża hi dwar il-fond numru wieħed (1), Triq Britannika, Tarxien. Għal dawk li huma fatti, l-ewwel Qorti spjegat:-

"*Illi mhuwiex ikkontestat li l-fond 1 fi Triq ir-Republika gja Triq Brittanika, f'Hal Tarxien, gie kolpit b' R.O. 47646. Dan inhareg fis-27 ta' Novembru 1984. Dan il-fond gie allokat lil intimat Anthony Cauchi verso l-hlas ta' kera ta' Lm11 fis-sena. Sussegwentement inhareg R.O. 47647 fuq l-istess fond fil-25 ta' Novembru 1992. Ir-rikorrenti qatt ma irrikonoxxew lill-intimat u qatt ma accettaw kera minghandu.*

"*Illi fil-mori ta' dawn il-proceduri, u cioe`, fis-27 ta' Ottubru 2014 inharget Ordni ta' Derekwizizzjoni fuq il-fond. Inoltre c-cwievet tal-fond gew ritornati lill-Awtorita` li hallset ukoll il-kontijiet tad-dawl u ilma pendenti fuqu. Sussegwentement ic-cwievet gew ritornati lir-rikorrenti*".

6. Fir-rikors promotur l-atturi talbu wkoll ħlas ta' danni non-pekunjarji (ara talba 2c).

7. F'affidavit l-attur Nicholas Bianchi (fol. 186) spjega li l-ishma fil-fond huma s-segwenti:-

| | |
|---|---|
| "*24/120* | *Baruni Igino Trapani Galea* |
| *24/120* | *Dorothy Trapani Galea* |
| *11/120* | *Perit Nicholas Bianchi* |
| *11/120* | *Andre Bianchi* |
| *11/120* | *Anna Maria Tabone Bianchi* |
| *8/120* | *Colin Huber* |
| *8/120* | *Christopher Huber* |

| | |
|---|---|
| *8/120* | *Prof. John Huber* |
| *3/120* | *Bettina Azzopardi, wife of Malcolm Azzopardi* |
| *3/120* | *Baroncino Michael Trapani Galea Feriol* |
| *3/120* | *Greta Apap Bologna wife of Paul Apap Bologna* |
| *3/120* | *Paul Trapani Galea Feriol* |
| *3/120* | *Dr Nicholas Trapani Galea Feriol*". |

8. Skont ir-rapport tal-perit tekniku (fol. 73):-

i. Il-fond jikkonsisti f'dar ta' żewġ sulari li qiegħed fl-Urban Conservation Area fil-qalba ta' Tarxien;

ii. Il-fond jinsab fi stat ta' abbandun u m'huwiex f'kundizzjoni li n-nies jistgħu jgħixu fih. Jidher ukoll li kien ilu vojt;

iii. Fil-fond saru xogħlijiet li bidlu l-karattru tiegħu fosthom ħitan li tgħattew b'materjal differenti, ħitan miżbugħin b'kuluri mhux tradizzjonali, soqfa mgħottija b'soffitti, u hemm ambjenti fid-dar fejn l-art inksiet b'materjal li fuqu tpoġġew twapet u nqalgħu;

iv. Fil-fond saret ħsara konsiderevoli. Il-perit tekniku għamel stima ta' €90,034.76.

v. Strutturalment il-fond m'huwiex f'kundizzjoni ħażina;

**<u>Konsiderazzjoni.</u>**

9. Fir-rigward tal-ewwel aggravju, l-ilment tal-Awtorita` hu fieragħ. Il-fatt li fis-sentenza ma kienx riprodott dak li qalet l-appellant fit-tweġiba li ippreżentat fid-19 ta' Diċembru 2013 (fol. 12) ma kien tal-ebda konsegwenza. Tant hu hekk li l-uniku aggravju fil-meritu kien dwar is-somma ta' €5,000 għal kull attur li l-ewwel Qorti stabbiliet bħala danni

non-pekunjarji. Dan apparti li l-ewwel Qorti kkonsidrat u ddeċidiet dwar dak li argumentat l-appellanti fl-imsemmija tweġiba. Għalhekk l-ewwel aggravju hu miċħud.

10. Il-parti l-iktar rilevanti tas-sentenza għal finijiet tal-appell, tipprovdi:-

> *"Din il-Qorti taqbel li r-rikorrenti sofrew lezjoni tad-drittijiet taghhom minhabba sproporzjon car bejn id-drittijiet taghhom bhala sidien u l-interess pubbliku manifestat bl-iskop li ghalih sar it-tehid in kwantu li sofrew diminuzzjoni fil-valur tal-proprjeta`' taghhom; gew soggetti ghall-relazzjoni forzata li kellhom jissubixxu fil-konfront tal- okkupant; li fl-isfond tal-ligijiet applikabbli, kellhom jissubixxu incertezza dwar ir-ripresa pussess tal-fond taghhom; u inoltre il-kumpens offrut kien wiehed irrizorju tenut kont il-karattru tal-proprjeta`' li johrog mir-rapport peritali.*
>
> *"Din l-isproporzjonalita` hija riflessa wkoll fil-fatt li sallum ma thallas l-ebda kumpens ghall-valur tar-restawr mehtieg ghajr ghall-kera baxxa (li ma gietx accettata).*
>
> ***"Ghaldaqstant minhabba r-ragunijiet premessi, din il-Qorti ser tghaddi biex tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti in kwantu li sabet li gew lezi d-drittijiet fondamentali tar- rikorrenti kif sanciti fl-Artikolu 1 Protokol 1 tal-Konvenzjoni Ewropea u fl-Artikoli 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u kwindi tichad l-eccezzjonijiet tal-intimati fuq il-mertu.***
>
> ***"Rimedju***
>
> "*Illi r-rikorrenti jippretendu danni pekunjarji stante li:*
>
> *1. ilhom jissubixxu leżjoni għal żmien twil;*
> *2. ghalkemm il-fond gie ritornat ma kien hemm l-ebda sforz biex jigi ritornat fi stat decenti;*
> *3. din mhix l-ewwel kawza fejn sid sofra lezjonijiet kostituzzjonali jew konvenzjonali b'rizultat ta' ordni ta' rekwiżizzjoni.*
>
> *"Illi l-Awtorita` eccepiet li l-fond intradd lura fil-mori bhala xhieda tal-koperazzjoni u rieda tajba tieghu. Dwar dan il-kumment, din il-Qorti xejn ma taqbel. Jidher car li thalla li jsiru hsarat fil-fond tul it-30 sena ta' okkupazzjoni. Ghalkemm Mario Magro kien car li huwa l-inkwilin li ghandu jaghmel it-tiswijiet u manutenzjoni fil-fond, ghal din il-qorti huwa car u manifest li ma kienx hemm ir-rieda la tal- inkwilin u lanqas tal-Awtorita` li jiehdu hsieb dak ir-restawr li kien mehtieg.*

*"L-Avukat Generali issottometta li Qorti ta' ġurisdizzjoni Kostituzzjonali u mhix waħda ta' ġurisdizzjoni ċivili u għalhekk ir-rikorrenti ma jistgħux jippretendu li jirċievu xi tip ta' kumpens għall-allegati danni ċivili li huma sofrew. Il-kumpens se mai din il-Qorti għandha tordna huwa kumpens għall-vjolazzjoni tad-dritt fundamentali riskontrat mill-Qorti u jiccita* ***Carmen Cassar vs Direttur tal- Akkomodazzjoni Soċjali*** *deċiża fit-12 tal-ulju 2011. Illi inoltre jagħmel referenza għas-sentenza* ***Louis Apap Bologna vs. Calcidon Ciantar*** *fejn il-Qorti Kostituzzjonali qalet illi l-kumpens f'kawża ta' natura kostituzzjonali mhux ekwivalenti għal danni ċivili li huma rikuperabbli quddiem il- qrati ordinarji.*

*"Il-Qorti taqbel mat-tezi tal-Avukat Generali. Fil-kaz odjern, l-intimati ilmentaw li l-istat originali tal-fond kien ta' fond mhux abitabbli. Ghalkemm il-hsarat likwidati jirreferu ghall- ispiza ta' restawr, din il-Qorti tqies li kumpens bhal dan ghandu jinghata f'proceduri civili fejn il-qorti tinvestiga c-cirkostanzi kollha tal-kaz. Il-hsarat ikkagunati fil-fond huma frott ta' vjolazzjoni tal-obbligazzjonijiet ordinarji tal-Awtorita` u tal-inkwilin u mhux ta' lezjoni ta' dritt fondamentali. Kwindi jispetta lill-Qrati ordinarji li jilliwidaw l-ammont dovut.*

*"Ghalhekk ser tqies li t-talba ghad-danni pekunjarji ghandha tigi determinata fi proceduri appoziti quddiem il- Qrati ordinarji u tirriserva lir-rikorrenti d-dritt li jitolbu u jottjenu r-rizarciment ghad-danni materjali f'tali proceduri abbazi tar-rapport ipprezentat quddiem din il-Qorti mill-Perit Tekniku li din il-Qorti qed taddotta bis-shih. Tali danni jkomprendu wkoll kumpens ghall-valur lokatizju tal-fond li ma giex kwantifikat f'dawn il-proceduri.*

*"Dan premess ser tillimita ruhha biex tindirizza t-talba ghad-danni non-pekunjarji, li taqbel li huma dovuti lir-rikorrenti, milquta b'ordni ta' rekwiżizzjoni fuq il-proprjeta`' taghhom ghall-ghexieren ta' snin. Dwar ordnijiet ta' rekwiżizzjoni, il-Qorti Ewropea f'diversi okkazjonijiet ilmentat dwar il-ksur sistemiku tal-Konvenzjoni ikkagunat bil-ligi li tirregola r-rekwizizzjoni ta' proprjeta`` (Ara ad ez* ***Apap Bologna v Malta****, u* ***Montanaro Gauci v Malta****).*

*"F'dawn ic-cirkostanzi r-rikorrenti jitolbu li d-danni non-pekunjarji jigu stabbiliti f'somma ezemplari u punittiva.*

*"Ikkonsidrat li l-proprjeta`' giet derekwizizzjonata fil-mori ta' dawn il-proceduri u li, inoltre, r-rikorrenti irriprendew il-pussess vakanti tal-fond. Ghalhekk dak mitlub bit-talba 2(a) u 2(b) huwa ezawrit.*

*"Ghal dak li jirrigwarda dan il-kap ta' kumpens, il-Qorti tqies li r-rikorrenti soffrew decenni ta' frustrazzjoni u ta' inkwiet tenut kont ir-rata irrizorja tal-kera offruta, l-fatt li ordni ta' rekwiżizzjoni taghmilha kwazi impossibbli ghas-sid li jottjeni ir-ripresa pussess tal-fond, u l-fatt li l-ammendi legali introdotti bl-Att X tal-2009 ma jindirizzax effettivament l- ilmenti tar-rikorrenti.*

*"Ikkonsidrat ukoll li l-Perit Tekniku kkonkluda li sab il-post fi stat ta' abbandun. Dan ma giex ikkontestat mill-intimati u jixhed in-nonkuranza li biha l-Awtorita` intimata amministrat proprjeta`' privata a diskapitu tas-sidien. Inoltre naqqset li tissorvelja l-istat tal-fond bhal ma kellha l-obbligu li taghmel skont il-Ligi.*

*"Sallum il-kumpens likwidat mill-Qrati taghna dejjem kien fil-limiti ta' bejn €5,000 (vide ad ez.* ***Sergio Falzon et vs Avukat Generali et*** *(PA (Kost) (LSO) 30 ta' Jannar 2018) u* ***Cassar Torreggiani et vs Avukat Generali et*** *(QK - 29 ta' April 2016), €10,000 (ad ez.* ***Maria Ludgarda sive Mary Borg et. vs Rosario Mifsud u l-Avukat Generali et*** *(PA (Kost) (AE) - 30 ta' Ottubru 2015), u €15,000 (ad ezempju* ***Dr. Cedric Mifsud et vs l-Avukat Ġenerali et*** *(QK 25 ta` Ottubru 2013 ). Vide wkoll ghar-rassenja tal-gurisprudenza in materja* ***Josephine Azzopardi f`isimha proprju u kif ukoll bhala prokuratrici tal-imsiefra Anna Maria Saddemi, Patricia Anastasi u Greta Bartolo Parnis et vs L-Onorevoli Prim Ministru et.*** *(PA (Kost) (JZM) - 28 ta' Settembru 2017).*

*"Madanakollu kkonsidrat li l-Istat Malti huwa ben konsapevoli tal-kritika mahruga mill-Qorti Ewropea rigward il-karattru sistemiku tal-lezjoni subiti minhabba l-istituzzjoni ta' rekwizizzjoni. Bhal ma jsehh f'kawzi ohra, l-Awtorita` stenniet li r-rikorrenti jirrikorru ghall-ispiza ta' litigazzjoni biex tirritorna l-pussess vakanti tal-post u tohrog ordni ta' derekwizizzjoni. Mhuwiex l-obbligu ta' min qed iwegga' li jirrikorri lejn il-protezzjoni tal-Qorti. Huwa d-dmir ta' min qed jilledi dawn id-drittijiet li jevita li jsiru dawn il-proceduri u minnufih jindirizza l-izbilanc ikkagunat bl-agir tieghu. Sfortunatament dan mhuwiex qed isir, u huwa mistenni li s-sidien jifthu kawzi biex forsi xi darba jottjenu l-gustizzja fejn dan huwa misthoqq.*

*"In visto tal-karattru sistemiku tal-lezjoni, din il-Qorti ser tillikwida d-danni non-pekunjarji fl-ammont ta' hamest elef ewro (€5,000) ghal kull rikorrent (13-il wiehed u wahda).*

*"Tirriserva favur l-istess rikorrenti il-jedd li jitolbu danni pekunjarji ghat-telf tal-valur lokatizju fi proceduri separati u ghall-kumpens ghall-hsarat subiti fil-fond".*

11. Meta niġu għad-danni mhux pekunjarji m'huwiex possibbli li jsir kalkolu b'mod preċiż tas-somma li għandha titħallas lill-vittma. Is-somma tiġi determinata fuq bażi ta' ekwita`. Il-ħlas jingħata għas-sofferenza

mentali jew fiżika li persuna tkun sofriet minħabba ksur ta' jedd fundamentali.

12. F'dan il-każ hu evidenti li l-ewwel Qorti ma kkunsidratx il-fatt li mhux is-sidien kollha għandhom l-istess sehem fil-fond oġġett tal-kawża. Hemm per eżempju wħud mis-sidien li kull wieħed għandu sehem biss ta' 3/120 u oħrajn 8/120. Min għandu sehem żgħir bħal dak ma jistax jingħad li seta' ġarrab xi sofferenza sinifikanti. Għalkemm fit-tweġiba l-atturi għamlu riferenza għal xi ġurisprudenza, jibqa' l-fatt li mod tkun sid assolut ta' fond u mod ikollok sehem indiviż ma' terzi li lanqas ikun jaqbeż 1%.

13. Fil-fehma tal-Qorti dak il-fatt kellu jittieħed in konsiderazzjoni mill-ewwel Qorti. L-atturi ma kellhomx jitpoġġew kollha fl-istess keffa, kif għamlet l-ewwel Qorti meta ffissat is-somma ta' €5,000 għal kull attur.

14. Dan apparti li kien biss fis-sena 2013 li s-sidien iddeċidew li jippreżentaw l-kawża u jfittxu għal rimedju minħabba ksur ta' dritt fundamentali.

15. Inoltre, il-fatt li fil-fond hemm ħsara konsiderevoli m'hijiex rilevanti għal finijiet ta' danni non-pekunjarji. Inoltre, il-Qorti tfakkar li d-danni m'humiex ta' natura punittiva iżda kompensatorji għall-ksur ta' dritt fundamentali li l-atturi sofrew.

16. F'dan il-każ l-ordni ta' rekwiżizzjoni inħarġet fis-27 ta' Novembru 1984, u kien biss fis-sena 2015 li l-atturi ngħataw lura l-pussess tal-fond. Dan ifisser perjodu ta' tletin (30) sena. M'hemmx wieħed x'jgħid li dak kien żgur perjodu fejn is-sidien *"must have sustained feeling of frustration and stress having regard to the nature of the breaches*" (**Apap Bologna v. Malta** (46931/12) tat-30 ta' Awwissu, 2016). F'dik il-kawża l-Qorti illikwidat is-somma ta' sittax-il elf euro (€16,000) bħala ħlas għal danni mhux pekunjarji, fir-rigward ta' ksur tad-dritt fundamentali protett bl-artikolu 1 tal-ewwel protokoll għall-perjodu ta' 27 sena (1988 sal-2015). Kawża li wkoll kienet dwar ordni ta' rekwizizzjoni. Imbagħad fil-kawża **Zammit Maempel et v. Malta** (3356/15) tal-15 ta' Jannar, 2019, il-Qorti llikwidat is-somma ta' €12,000 bħala danni non-pekunjarji. Il-każ kien ukoll relatat ma' ordni ta' rekwizizzjoni fejn is-sidien ma kinux irċevew kera ġusta għall-perjodu ta' 25 sena (1992 sal-2017). Somma li l-QEDB addottat mis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-istess każ. Fis-sentenza **Domenic Mintoff et v. Direttur tal-Akkomodazzjoni et** tat-28 ta' April 2014, il-Qorti Kostituzzjonali kkundannat lill-Awtorita` sabiex tħallas danni non-pekunjarji ta' €5,000. F'dak il-każ l-atturi, li kienu diversi sidien, kienu mċaħħda mit-tgawdija tal-proprjeta` għall-perjodu ta' 24 sena. Erbgħa mis-sidien ressqu ilment fil-Qorti Ewropea. B'sentenza **Case of Grech and Others v. Malta** (numru: 69287/14) tal-15 ta' April 2019, il-Qorti Ewropea illikwidat is-somma ta' €2,400 bħala danni non-pekunjarji. F'dik il-kawża, ir-rikorrenti ilmentaw li ma kinux irċevew kumpens adegwat

għall-ksur tad-dritt fundamentali taħt l-Artikolu 1 tal-ewwel protokoll tal-Konvenzjoni.

17. Meħud in konsiderazzjoni dak li ntqal hawn fuq, il-Qorti hi tal-fehma li s-somma ta' ħamsa u sittin elf euro (€65,000) bħala danni non-pekunjarji hi eċċessiva u minflok qegħda tillikwida s-somma ta' għoxrin elf euro (€20,000) li għandha tinqasam bejn l-atturi skont is-sehem li kull wieħed għandu fl-istess proprjeta`.

Għal dawn ir-raġunijiet tiddeċiedi l-appell billi:-

1. Tiċħad l-ewwel aggravju tal-appellant.

2. Tilqa' t-tieni aggravju u tvarja s-sentenza tas-16 ta' Lulju 2019 billi b'riferenza għat-tieni talba (2ċ) tar-rikors promotur, minflok, tikkundanna lill-Awtorita` appellanti tħallas lill-atturi s-somma totali ta' għoxrin elf euro (€20,000) bħala danni non-pekunjarji sabiex jinqasmu bejn l-atturi skont is-sehem li kull wieħed minnhom għandu fil-fond oġġett tal-kawża.

3. Għall-kumplament tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti.

4. Spejjeż tal-appell jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

Mark Chetcuti<br>Prim Imhallef

Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef

Anthony Ellul<br>Imhallef

Deputat Registratur<br>mb